



Brussell, 21 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13145/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0145(COD)

CODEC 1485
ENT 232
IND 251
MI 715
ENV 852
TRANS 479

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi motorizzati u l-karrijiet tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fis-17 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2018².

¹ 9006/18.

² ĠU C 440, 6.12.2018, p. 90.

3. Fis-16 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni (mingħajr revizzjoni mill-ġuristi lingwisti). Wara l-finalizzazzjoni tat-test adottat mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament approva rettifika għal dik il-pożizzjoni fis-sessjoni plenarja tiegħu mid-9 sal-10 ta' Ottubru 2019. Din tirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-Istituzzjonijiet u għaldaqstant għandha tkun aċċettabbli għall-Kunsill³.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 82/19, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tar-Renju Unit;
 - jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni li tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa u tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ser jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ 8505/19.